MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 2005/1998/1

Kawza fil-lista: 32

**ABCD, f' isimha proprju u ghan-nom tal-minuri G**
**vs**
**EF**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibli, u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b' digriet tat-30 ta' Settembru 1998, li kopja tieghu qed tigi annessa mac-citazzjoni u immarkata Dokument A, awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni;

Peress li dawn ir-ragunijiet huma sevizzi, ingurji u anke theddid u adulterju da parti tal-konvenut;

Peress li minn dan iz-zwieg hemm tifel minuri G ta' seba' snin;

Jghid il-konvenut ghala din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta;

3. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tikkomina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti tal-artiklu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri G kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas ir-retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas tal-istess.

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghal kaz.

7. Tordna illi l-konvenut ma jkunx jista' jsiefer lill-minuri G barra minn Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru datati 8 ta' Ottubru 1998.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi l-eccipjenti, ghalkemm jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni, b' dana kollu jirrileva illi t-tortijiet li z-zwieg tkisser irrimedjabilment huwa taz-zewg kontendenti u mhux tieghu biss.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Semghet lill-minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut minhabba li l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-istess konvenut li minn naha tieghu, filwaqt li jiddikjara li jqabel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jeccepixxi li t-tort huwa attribwibbli liz-zewg kontendenti, u mhux lilu biss.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' April 1981 u minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem 'G' fil-11 ta' Frar 1991. Fil-kors taz-zwieg il-konvenut, li allura kien jahdem mal-kumpanija Air Malta, ghamel zmien jahdem il-Libja fejn kellu salarju ahjar minn dak li kien qed jippercepixxi Malta, u l-attrici kienet akkompanjatu ghal xi zmien hemmhekk. Meta l-minuri wasal l-eta' ta' l-iskola, l-attrici nizlet Malta, filwaqt li l-konvenut baqa' jahdem il-Libja. Sussegwentement, ghal habta ta' Settembru 1996 il-konvenut qabad relazzjoni extra matrimonjali ma' mara ta' nazzjonalita' Filippina li maghha ghadu jikkonvivi sallum. Konsegwenzjalment, meta l-attrici saret taf b' din ir-relazzjoni adulteruza da parti ta' zewgha, ir-relazzjoni matrimonjali ta' bejn il-partijiet iddigenerat b' mod li l-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom ma kienitx aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, bir-rizutlat li fit-8 ta' Ottubru 1998 l-attrici istitwiet il-proceduri odjerna. Fil-mori tal-proceduri, f' Lulju 2006, l-attrici dahlet fi hbiberija romantika ma' ragel iehor.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tispjega li fil-kors taz-zwieg, izda qabel ma t-twelid tat-tifel il-partijiet ghamlu tlett snin jghixu go Tripli, u sa dak iz-zmien kollox kien normali. Wara t-twelid tat-tifel fil-11 ta' Frar 1991 il-konvenut rega' mar il-Libja, izda l-attrici ma rieditx takkompanjah peress li t-tifel kien ghad kellu biss disa' [9] xhur u l-hajja hemmhekk kienet aktar difficli minn Malta. Meta t-tifel kellu sena u hames xhur, l-attrici telghet tghix mal-konvenut fil-Libja u "Ftehmna bejnietna li meta t-tifel ikun ta' school age, nergghu mmorru Malta."[1]; izda meta t-tifel lahaq l-eta' ta' l-iskola, il-konvenut ried jibqa' jahdem il-Libja peress li "Hu qal li minhabba l-paga kien hafna ahjar Tripli."[2]

Illi f' Gunju u f' Ottubru tas-sena 1997, l-attrici, allura residenti Malta, irceviet ittri anonimi[3] mibghuta minn Tripli kontenenti nformazzjoni fis-sens li l-konvenut kellu relazzjoni extra matrimonjali ma mara Filippina. Dawn l-ttri qajjmu s-suspetti ta' l-attrici dwar infedelta' da parti ta' zewgha.

Ghalkemm inizjalment il-konvenut innega l-kontenut ta' l-ittri, huwa eventwalment ammetta maghha li kellu relazzjoni adulterzua, u dana meta l-attrici, konsegwenza tas-suspetti li kella kienet informatu li riedet tissepara minn mieghu u ma rieditx torqod aktar mieghu. Minn hawn 'il quddiem ir-relazzjoni matrimonjali ddigenerat, b'tilwim bejn il-partijiet li f' okkazzjonijiet minnhom l-attrici sfat vittma ta' vjolenza fisika[4] da parti ta' zewgha l-konvenut li kien beda jagixxi b' mod vessatorju fil-konfront ta' martu, b' xenati, ghajjat u theddid u komportament iehor abbuziv. Fi kliemha: "Bdew ix-xenati d-dar, beda jkisser l-affarijiet, issakkarna gewwa….Kien ukoll qed isawwatni, jitkellem hazin u jidghi quddiem it-tifel."[5]; u dan peress li l-konvenut ma riedx li jissepara minn ma' l-attrici. Eventwalment f' Marzu 1998 il-konvenut telaq mid-dar konjugali.

---

[1] Fol.47
[2] Ibid.
[3] Fols.33 u 35
[4] Vide certifikati medici fol.37
[5] Fol.49

L-attrici tkompli tispjega li f' Lulju 2006 hija kienet bdiet tohrog ma' ragel iehor. Hija tiddeskrivi r-relazzjoni taghha ma' dan ir-ragel hekk: "Apparti milli nitkellmu, nitghanqu u nitbewsu. Mistoqsia jekk fuq livell sesswal naghmel xi haga ohra oltre minnhekk, jiena ngwiegeb li le. Mistoqsija kellix relazzjoni sesswali per se [sic] nghid li le."[6]

Illi l-konvenut minn naha tieghu ma cahadx ir-relazzjoni extra matrimonjali li kellu u ghad ghandu, izda jattribwixxi l-htija ta' dan lil martu li skond hu kienet birdet fil-konfront tieghu. Fl-affidavit[7] tieghu l-konvenut ikkonferma li l-attrici kienet ghamlet zmien tghix mieghu fil-Libja, izda meta ghalaqlu l-kuntratt fi Frar 1988 huwa ma regghex geddu peress li l-attrici kienet iddejqet tghix fil-Libja "u ghalhekk iddecidejna li nigu nghixu Malta." Izda wara t-twelid tat-tifel huwa kien iddecieda li jerga' jmur jahdem il-Libja, u jghid li "Marti accettat din il-proposta". Konsegwenzjalment f' Novembru 1991 huwa kien rega' mar jahdem barra minn Malta, u f' Gunju 1992 l-attrici regghet telghet Tripli flimkien mat-tifel; izda f' Settembru 1994 l-attrici regghet nizlet tghix f' Malta peress li t-tifel kien ser jibda l-iskola, filwaqt li l-attur baqa' Tripli, u kien jigi Malta kull seba' gimghat.

Il-konvenut jghid li meta f' Ottubru 1994 huwa gie Malta, u flimkien ma' martu marru vaganza fid-Danimarka, inqala' argument bejnu u bejn martu peress li din kienet accettat ma' tal-lukanda li jiehdu kamra b' sodod differenti. Il-konvenut jghid li "Kien f' dan iz-zmien li jiena bdejt nintebah li marti qed tbiddel l-attitudini taghha lejja."[8] Jghid li bejn is-snin 1994 u 1996 l-attrici kienet tirrifjuta l-istedina tal-konvenut li titlqa' Tripli fil-vaganzi, u jghid li beda jinduna li martu kienet tkun bin-nervi; u, ghalkemm kien jinzel Malta kull seba gimghat, "ir-relazzjonijiet bejnietna bdew jibirdu fuq bazi affettiva."

Il-konvenut jirrakkonta kif f' Settembru 1996 huwa kien iltaqa' ma' nurse Filippina meta kien qieghed rikoverat l-isptar go Tripli li minnha sab ghajnuna kbira "li kienet anke

---

[6] Depos.19 ta' Frar 2007
[7] Fols.440 *et seq.*
[8] Fol.442

ssajjarli u tahsilli l-hwejjeg." Eventwalment huwa beda relazzjoni extra matrimonjali ma' din il-mara, li ghadha sejra sallum. Il-konvenut jghid li "din il-hbiberija tieghu [ma' din il-mara] kienet rizultat tal-attitudini u kondotta bierda ta' marti." Huwa jsemmi wkoll li meta f' Mejju 1990 il-partijiet skoprew li l-attrici kienet tqila, "Hija xejn ma deheret kuntenta." u kienet issugeritlu "jekk tridx innehhu kollox."[9]

Fid-deposizzjoni tieghu tat-22 ta' Marzu 2005 il-konvenut jikkonferma li huwa kien beda jghix mal-mara Filippina fl-ahhar tas-sena 1996 u li ghadu jghix maghha sallum[10]

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi u debita riflessjoni, hija tal-fehma li l-kawza tar-rottura taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kienet ir-relazzjoni adulteruza tal-konvenut ma' mara ohra, li skond hu bdiet fl-ahhar tas-sena 1996 u li maghha ghadu jikkonvivi.

Huwa pero' jsostni li l-infedelta' tieghu kienet rizultat tal-bruda li martu kienet urietu fl-ahhar snin; izda l-Qorti tosserva li l-fatti pruvati jdghajjfu din it-tesi li giet michuda mill-attrici bi provi sodisfacenti. L-attrici tichad li hija kienet birdet fil-konfront ta' zewgha, u tghati spjegazzjoni verosmili u accettabbli ta' l-argument li nqala' fil-lukanda fi-Danimarka.[11]

Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet telghet mieghu l-Libja diversi drabi u kienet anke ghamlet perijodi twal tghix mieghu hemmhekk sakemm it-tifel lahaq l-eta' ta' l-iskola. Kien f' dan l-istadju li l-attrici nizlet Malta, flimkien mal-konvenut u binhom, skond il-ftehim li kellhom il-partijiet; izda meta t-tifel kellu disa' xhur il-konvenut hass li kellu jerggha jmur jahdem il-Libja; u jidher li kienet din id-decizjoni zbaljata tieghu li kienet is-substrat tal-firda tal-partijiet, peress li l-attrici kienet sussegwentement irrifjutat li terga' titla' l-Libja. B' dana kollu l-konvenut xorta wahda

[9] Depos.12 ta' Lulju 2006 – fol. 550
[10] Fol.530 vide ukoll disposizzjonijiet mghotija fit-12 ta' Lulju 2006 u fl-20 ta' Frar 2007
[11] Depos.30 ta' Settembru 2004 – fol.464

baqa' jahdem hemm fuq bazi ta' seba jew tmien gimghat, u dan nonostante li, skond l-affidavit tieghu, f' Ottubru 1994 huwa beda jintebah li martu kienet biddlet l-attitudini taghha fil-konfront tieghu; izda hu xorta wahda baqa' hemm, u f' Settembru 1996 qabad ma' mara ohra fil-Libja.

Il-premess wassal lil din il-Qorti ghas-segwenti konkluzjonijiet:

[1] Illi huwa ngust l-ilment tal-konvenut fil-konfront tal-attrici li din, bil-komportament taghha, kienet il-kawza tat-tifrik taz-zwieg peress li hija kienet irrifjutat titla' bit-tifel il-Libja fil-vaganzi estivi tieghu. Jigi osservat li l-attrici kienet telghet diversi drabi fil-passat u ghexet mieghu hemmhekk sakemm it-tifel wasal fl-eta' ta' l-iskola, u ghalhekk zgur ma jistax validament jinghad li l-attrici ma kienitx ikkooperat mal-konvenut f' dak iz-zmien; u dan, nonostante li kienet mdejjqa hemmhekk.[12]

Di piu' il-fatt li eventwalment l-attrici kienet irrifjutat li terga' titla' l-Libja ma jimmilitax kontra taghha peress li hi kellha ragunijiet accettabbli ghal din id-decizjoni. Hija tispjega li "Xtaqtu jigi Malta, u jaqla' anqas, u jkun hawn Malta" u tghid li "ma kontx lesta li mmur hemm ghal tlett xhur, u li ninghalaq fid-dar u lilu ma narahx …. jiena kont tal-opinjoni li hu jigi hawn , u mhux li ahna nitilghu hemm."[13] Hija tispjega li fil-Libja, il-konvenut kien johrog fis-7.00 am u qabel it-8.00 pm ma jidholx id-dar, u gieghli anke sa l-10.00pm ukoll.[14] Tghid ukoll li "din kienet tkun seven days a week u ma kellix telephone, u kont nghid li jekk jinqalalna xi haga lili u lit-tifel, kien qieghed wahdu."[15]

Inoltre jigi osservat, li r-raguni tar-rifjut da parti ta' l-attrici li titla' bit-tifel fil-Libja, "kienet illi jiena ridtu jigi Malta" Din ir-raguni hija wahda valida fic-cirkostanzi u timmilita favur l-istabbilita' tar-relazzjoni matrimonjali fis-sens li l-attrici, wara li t-tifel beda jmur l-iskola, riedet li tghix f' Malta mal-

[12] Fol.463
[13] Fol.453
[14] Dpos.30 Settembru 2004 fols.460
[15] Ibid.

konvenut, anke jekk b’ anqas paga, basta li jkunu lkoll flimkien jghixu f’ ambjent ahjar.

[2] Illi meta f’ Ottubru 1994 il-konvenut intebah li martu kienet biddlet l-attitudini tieghu lejh, huwa messu hadem fuq din il-problema, primarjament billi ma jibqax jahdem barra minn Malta, il-boghod minn martu u mit-tifel tieghu; izda l-konvenut mhux talli ma hax dan il-pass, izda sahansitra baqa’ jahdem barra, u sentejn wara dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali, bir-rizultat li z-zwieg tkisser irrevokabbilment.

Illi minn naha l-ohra, ghandu jigi osservat li fil-mori tal-proceduri l-attrici ammettiet li f’ Lulju tas-sena 2006 hija qabdet hbiberija romantika ma’ ragel iehor.  In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm il-komportament ta’ l-attrici jista’ jitqies bhala ingurja gravi fil-konfront ta’ zewgha l-konvenut, il-provi ma jwasslux ghall-integrazzjoni tal-prova ta’ l-adulterju da parti taghha.

Inoltre, l-Qorti hija tal-fehma li din ir-relazzjoni m’ghandhiex ikollha l-effett li timporta d-dekadenza da parti ta’ l-attrici mid-dritt li din tkompli tippercepixxi manteniment minghand zewgha, u dana principalment in vista tal-fatt li dan il-komportament ta’ l-attrici sehh tmien snin wara l-firda de facto, ghall-liema firda huwa responsabbli unikament u esklussivament il-konvenut li ghadu fl-istess relazzjoni adulteruza jghix barra minn Malta mal-habiba tieghu, liema relazzjoni kellha fuq l-attrici l-effett li dina thalliet, flimkien ma’ bin il-partijiet, tfendi ghar-rasha waheda.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li huwa l-konvenut li ghandu esklussivament igorr il-htija  tat-tifrik taz-zwieg tieghu ma’ l-attrici, kemm minhabba l-insensittivita’ tieghu ghall-bzonnijiet legittimi ta’ l-attrici li kien qed ihossha traskurata minn zewgha, u anke ta’ ibnu, kif ukoll u principalment minnhabba r-relazzjoni adulteruza tieghu li ghadha tippersisti sallum.

**Dar Matrimonjali**

Illi l-kontestazjoni f' dan ir-rigward bejn il-partijiet hija fis-sens li, filwaqt li l-konvenut qieghed isostni li din tappartjeni esklussivament lilu bhala proprjeta' parafernali tieghu, stante li nbniet fuq plot akkwistata minnu qabel iz-zwieg; l-attrici ssostni li l-plot kienet giet moghtija lilhom mill-Housing Authority, fuq applikazzjoni ta' l-gharajjes iffirmata miz-zewg partijiet, u li ghalhekk meta l-konvenut deher fuq il-kuntratt ta' l-akkwist huwa kien qed jidher kemm f' ismu kif ukoll fl-interess taghha.

In propositu rrizultaw is-segwenti fatti. Fis-sena 1976 iz-zewg partijiet, allura gharajjes, kienu ffirmaw applikazzjoni[16] ntiza ghall-gharajjes biex jiehdu plot b'cens perpetwu taht l-iskema tal-Home Ownership. Din l-applikazzjoni kienet giet accettata, u fid-9 ta' Settembru 1976 sar il-kuntratt tat-trasferiment li fuqu deher biss il-konvenut bhala l-akkwirent. Sussegwentement ittiehdet loan mill-Bank ghall-bini tad-dar matrimonjali, u din eventwalment thallset fil-maggjor parti taghha waqt iz-zwieg.

Illi fid-deposizzjoni tieghu tad-9 ta' Marzu 2005, il-konvenut jikkonferma li "Jiena kont nghatajt din il-plot li fuqha nbniet id-dar illum bis-sahha ta' din l-applikazzjoni dok.JZ1.."[17] u fid-deposizzjoni tieghu mghotija fit-22 ta' Marzu 2005 il-konvenut in kontro ezami jghid: "Huwa veru li applikajna biex niehdu l-art, u l-policy kienet li jitnizzel fuq l-gharus." Dan jinsab konfermat ukoll mill-attrici fix-xhieda taghha tad-9 ta' April 2003 fejn qalet li huma kienu applikaw flimkien ghall-plot, izda "pero' kif kienet il-procedura kien jidher persuna wiehed, l-gharus fuq il-kuntratt."[18]

Sussegwentement fis-sena 1991, matul iz-zwieg il-Gvern kien ta lill-konjugi bicca art ohra bhala estensjoni tal-plot originali fuq quddiem, liema att pubbliku sar ukoll fuq isem il-konvenut biss. Din l-estensjoni eventwalment giet konvertita fi' front garden tad-dar konjugali. Wara,

[16] Dok.JZ1 anness mad-deposizzjoni mghotija minn Joseph Zammit fl-10 ta' Lulju 2003.
[17] Fol.520
[18] Fol.155 u depos. 1 ta' Lulju 2004 [fol.429]

permezz ta' kuntratt ppubblikat fis-16 ta' Jannar 1998 u li ghalih deheret l-attrici "f' isimha proprju u f' isem EF"[19]

Illi biex nbniet id-dar matrimonjali ttiehdu zewg loans fuq isem l-konvenut: wahda qabel iz-zwieg fis-19 ta' Lulju 1980 gas-somma ta' Lm3,700 u l-ohra wara z-zwieg fit-8 ta' Jannar 1982 ghas-somma ta' Lm1,300. Dawn il-loans thallsu principalment fiz-zwieg.

Illi mill-kwadru premess din il-Qorti hija tal-fehema li jirrizulta car li l-akkwist tal-plot in kwistjoni sar miz-zewg partijiet, u ghalkemm, fuq l-atti ta' l-akkwist deher biss l-attur, il-provi juru li dana kien qed jagixxi kemm f' ismu prorpju kif ukoll fl-interess ta' martu allura l-gharusa tieghu. Din il-konkluzjoni hija sostnuta principalment mill-fatt li l-akkwist sar rizultat ta' applikazzjoni intiza ghall-gharajjes u li giet iffirmata miz-zewg partijiet, kif ukoll li l-art kienet giet akkwistata sabiex il-partijiet jistabbilixxu r-residenza matrimonjali taghhom.[20] Di piu' s-self li kien ittiehed fuqha thallas fiz-zwieg.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tikkonsidera din il-proprjeta' bhala proprjeta' komuni tal-partijiet.

**Manteniment**

Illi mill-provi jirrizulta li permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla Civili fit-30 ta' Settembru 1998, il-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici kull xahar is-somma komplessiva ta' Lm400, rapprezentanti Lm250 manteniment ghaliha, u Lm150 manteniment ghal bin il-partijiet, li tieghu l-istess Qorti kienet fdat lill-attrici bil-kura u kustodja. Sussegwentement dan l-istess digriet gie konfermat permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fil-mori tal-kawza fl-20 ta' Marzu 2003. Dan id-digriet ghadu vigenti.

Illi in kwantu ghall-pretensjoni tal-konvenut li l-manteniment ordnat minn din il-Qorti jissuperaw il-mezzi tieghu, qed issir referenza ghall-konsiderazzjonijiet fattwali

[19] Dok.JZ4 anness mad-depos ta' Joseph Zammit [ibid]
[20] Vide *App.Lawrence Lanzon vs Rosette Lanzon* [Citazz.1197/02NC] deciza 30.11.2007

u guridici kontenuti fid-digriet moghti fl-20 ta' Marzu 2003; ghax kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA[FD] Jane Camilleri vs Carmelo Camilleri*[21] "[ir-ragel] m'ghandux jigi liberat mill-obbligu sagrosant tieghu li jmantni lil martu u lil bintu li fi zminijiet forsi ahjar kien ghazel li jgib fid-dinja; huwa veru li l-ligi titlob li l-manteniment ghandu jinghata skond il-qligh tar-ragel u l-utili tieghu; pero' dan ma jistax jigi nterpretat b' mod li r-ragel jista' meta jrid jirrizenja mix-xoghol bla raguni gustifikattiva u jhalli lil martu u bintu bla ma jipprovdi ghalihom…. Din tkun tassew ingustizzja kbira mad-dipendenti tieghu; jinghad ukoll li f' dan il-kaz tkun qed issir ingustizzja mal-pajjiz kollu, stante li l-istat irid imantni tnejn minn nies bi flus li jistghu jintefqu ghal skopijiet socjali ohra."

**Arretrat**
Illi jirrizulta nkontrastat li l-konvenut hallas il-manteniment dovut minnu sa' Gunju 1999 sakemm talab lill-kumpanija li maghha kien jahdem johrog fuq 'unpaid leave'. Minn dak in-nhar sallum il-konvenut, ghajr is-somma ta' Lm1,100, baqa' nadempjenti f' dan ir-rigward billi naqas li jhallas il-manteniment dovut minnu; u minn dak in-nhar sallum l-attrici ghexet u ghada tghix fuq il-beneficji socjali.[22]

Ghalhekk l-ammont ta' manteniment arretrat dovut lill-attrici ghandu jestendi minn Lulju 1999 'il quddiem.

Illi b' referenza ghas-sottomissjoni tal-konvenut, li m'ghandux jigi ordnat hlas ta' manteniment arretrat f' dan il-gudizzju, il-Qorti tosserva:

[1] Illi l-manteniment kien gie stabbilit u kwantifikat, albeit pendente lite, mill-qorti kompetenti li kienet tat ordni ghall-hlas tieghu; u din l-ordni tibqa' valida sakemm ma tigix espressament revokata mill-qorti kompetenti. Ghalhekk gja la darba mill-provi akkwisti fil-process odjern, din il-Qorti stabbiliet l-inadempjenza da parti tal-konvenut li jhallas lill-attrici l-manteniment minnu ordnat, kif ukoll il-quantum tal-manteniment mhux mhallas minnu bhala

[21] Deciza 7 ta' Novembru 1990
[22] Depos. Attrici 20 ta' Frar 2007 [fol.608]

debitur f' dan ir-rigward fil-konfront ta' martu l-attrici, allura ma hemmx ostakolu legali li jimpedixxi lil din il-Qorti milli, fil-likwidazzjoni tal-assi komuni tal-partijiet, tiehu konjizzjoni wkoll ta' dan il-kreditu ta' l-attrici favur il-komunjoni ta' l-akkwisti.

[2] Illi certament mhuwiex fl-ispirtu tad-disposizzjonijet tal-ligi in materja li wara l-likwidazzjoni ta' l-assi jithallew pendenzi bejn il-konjugi, hlief f' dawk il-kazijiet espressament ndikati mill-ligi, kif kontemplat fis-sub inciz [2] ta' l-artikolu 55. Il-kawzi ta' separazzjoni personali ghandhom l-ghan li jigu defenittivament u finalment determinati r-relazzjonijiet familjari u patrimonjali bejn il-konjugi in lite, u sa fejn hu possibbli u kemm jista' jkun ma jithallewx fi stat ta' illikwidita'

In vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehema li fil-gudizzju odjern, intiz ukoll ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-assenjazzjoni taghha lill-partijiet wara li jkunu gew sodisfatti d-djun taghha, il-Qorti ghandha s-setgha li, mill-provi prodotti, tikkwantifika l-arretrat tal-manteniment dovut, u tikkonsidrah fil-komputazzjoni finali.

Ferm il-premess, l-Qorti tikkwantifika l-manteniment arretrat dovut mill-konvenut lill-attrici <u>ghaliha</u> fis-somma komplessiva ta' tnejn u sittin elf tmin mija u tlieta u disghin Ewro u tmin ewro centezmi [€62,893.08] ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf lira Maltin [Lm27,000] li tkopri l-perijodu ta' ghaxar snin li jestendi minn Lulju 1999 sa Gunju 2008.[23]

Filwaqt li tikkwantifika l-manteniment arretrat dovut ghat-tifel minuri fis-somma komplessiva ta' tnejn u tletin elf sebgha mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sebghin ewro centezmu [€32,727.70] ekwivalenti ghal erbatax-il elf u hamsin lira Maltin [Lm14,050] li tkopri l-perijodu li jestendi minn Lulju 1999 sa Gunju 2008, nieqes is-somma ta' Lm1,100 gja' mhallsa mill-konvenut u s-somma ta'

[23] [250 x 6m] + [250 x 12m x 8y] + [250 x 6m]

Lm1,050 rapprezentanti l-perijodu ta' seba' xhur li t-tifel kien ghamel joghqod ma' missieru.[24]

Ghaldaqstant l-ammont komplessiv dovut lill-attrici bhala manteniment arretrat, ghaliha u ghal binhom, jammonta ghas-somma ta' hamsa u disghin elf sitt mija u ghoxrin Ewro u tmienja u sebghin ewro centezmi [€95,620.78] ekwivalenti ghal wiehed u erbghin elf u hamsin lira Maltin [Lm41,050].

**Manteniment futur**

Illi l-konvenut bhala l-parti unikament hatja ghall-firda bejn il-partijiet huwa obbligat li jkompli jhallas manteniment lil martu fil-futur; u dan apparti mill-obbligu tieghu li jkompli jhallas manteniment ghal ibnu sakemm dana jghalaq it-tmientax-il sena fi Frar 2009.

Illi din il-Qorti, rebus sic stantibus, tenut kont tac-cirkostanzi kif jezistu llum, inkluz l-introjtu prezenti tal-konvenut u anke l-potenzjal tieghu li jibqa' jiggenera introjtu adegwat, tenut kont tal-livell ta' edukazzjoni tieghu kif jixhed il-passat tieghu f' dan ir-rigward, tikkunsidera gust li huwa jghati lil martu manteniment ghaliha bir-rata ta' Lm100 fix-xahar, li, kalkolat fuq bazi ta' ghaxar [10] snin jammonta komplessivament ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf disa' mija tnejn u hamsin Ewro u tmienja u erbghin ewro centezmi [€27,952.48] ekwivalenti ghal tnax-il elf lira Maltin [Lm12,000]; u jaghti manteniment ghal ibnu bir-rata ta' Lm75 fix-xahar, li kalkolat fuq bazi ta' seba' xhur, jammonta komplessivament ghas-somma ta' elf mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tnejn u disghin ewro centezmu [€1,222.92] ekwivalenti ghal hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin [Lm525].

Illi tenut kont tal-inadempjenza tal-konvenut, li tirrisali ghal Gunju 1999, li jhallas lil martu l-manteniment ordnat mill-Qorti, liema nadempjenza fil-probabbilta' kbira ser tibqa' tezisti tenut kont tas-sitwazzjoni tal-konvenut illum, hija opportuna l-applikazzjoni tas-sub incizi [3] u [6] ta' l-

[24] [150 x 6m] + [150 x 12 x 8y] + [150 x 6m] – [1,100 + 1,050]

artikolu 54; u konsegwentement il-Qorti ser tordna li nofs [1/2] indiviz tas-sehem tieghu mill-fond konjugali jigi trasferit lill-attrici ghas-saldu tal-manteniment kollu dovut minnu, arretrat u futur, kif fuq kwantifikat; b' mod li l-fond jkun jappartjeni liz-zewg konjugi fis-segwenti kwoti: tlett kwarti [3/4] appartenenti lill-attrici, u r-rimanenti kwart [1/4] appartenenti lill-konvenut.

Inoltre tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' elf mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tnejn u disghin ewro centezmu [€1,222.92] ekwivalenti ghal hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin [Lm525], manteniment komputat ghal binhom minuri; u l-attrici hi ordnata li tiddeposita din is-somma f' isimha f' kont bankarju b' mod li, minghajr il-permess miktub tal-konvenut, jew minghajr l-intervent tal-qorti, hija tkun tista tigbed biss, mill-kont, is-somma ta' Lm75 fix-xahar, flimkien mal-imghax relattiv.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-assi tal-komunjoni kienu jikkonsisti fis-segwenti:

[1] Il-fond konjugali bil-garage, bl-isem <<indirizz>>, flimkien ma' bicca art numru 13 annessa ma' l-istess dar;

[2] Garage numru 5 gewwa l-Qajjenza, mikri lil terzi [H] bil-kera annwa ta' Lm165;

[3] Garage numru 2 gewwa l-Qajjenza mikri lil terzi bil-kera annwa ta' Lm200;

[4] Vettura Skoda 120 IS registrata fuq isem il-konvenut bin-numru <<numru>> li nzammet mill-konvenut;

[5] Kont Bankarju ma' l-APS li fih Lm1,600, oltre l-interessi, li fuqu hemm sekwestru mahrug mill-attrici;

[6] Is-somma ta' Lm95.30 percepita mill-konvenut meta l-ishma li l-konjugi kellhom ma' Farsons gew mhallsa;

[7] Il-mobbli ezistenti fid-dar konjugali;

[8] Kreditu ta' circa Lm1,650 fil-konfront ta' H ghal kera ta' Lm165 li tirrisali mis-sena 1999;

[9] Debitu favur I fl-ammont ta' Lm1,380 fit-termini tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2003 fl-ismijiet "I vs E u A, konjugi CD".

[10] Debitu favur Unique Travel Limited, li pero' qed jigi kontestat mill-konvenut, u l-kawza ghadha pendenti;

**Assenjazzjoni**
Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tikkunsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni; u ghalhekk tordna li l-assi tal-komunjoni jigu assenjati lill-partijiet bil-mod segwenti:

*Dar matrimonjali*
Illi, tenut kont tal-fatt li bil-komportament abusiv tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, dina sfat vittma ta' l-akbar ingurja gravi li konjugi jista' jaghmel fil-konfront tal-konjugi l-iehor, u rrenda ruhu esklussivament hati tas-separazzjoni personali, stante li din il-Qorti ma rriskontrat ebda htija fil-konfront ta' l-attrici; u tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici ma tahdimx u ilha tirrisjedi ma' bin il-partijiet fid-dar konjugali minn mindu nbiet, u cioe' ghal numru kbir ta' snin; u tenut kont tal-fatt li, minkejja s-sitwazzjoni difficli li sabet ruhha fiha l-attrici bit-tifrik tal-hajja matrimonjali taghha mal-konvenut li minn naha tieghu zied id-doza ta' krudelta' tieghu fil-konfront taghha u ta' binhom, billi baqa' inadempjenti fil-hlas tal-manteniemnt ghal ghaxar [10] snin shah, u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha u ggor waheda l-piz tat-trobbija ta' binhom; filwaqt li l-konvenut baqa' f' relazzjoni extra matrimonjali u stabilixxa hajja ohra mas-siehba tieghu, b' mod li llum il-gurnata dana stabilixxa r-residenza fattwali tieghu fl-Ingilterra mas-siehba tieghu; din il-Qorti hija tal-fehma qawwija li dawn il-fatti jirrendu gusta u opportuna l-applikazzjoni ta' l-artikolu 55A [1] tal-Kap.16 u bis-sahha ta' l-istess, tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali vita natural durante, jew sakemm hi tiddeciedi minn rajha li tistabilixxi r-residenza permanenti taghha band' ohra.

Konsegwentement tordna li d-dar konjugali tibqa' in komuni bejn il-partijiet sa dak iz-zmien, fil-kwoti fuq stabbiliti, u cioe' tlett kwarti ta' l-attrici, u kwart tal-konvenut stante li nofs is-sehem tal-konvenut minn dan il-fond qed jigi assenjat lill-attrici ghas-saldu tal-manteniment kollu, arretrat u futur, dovut minnu ghaliha.

*Garaxxijiet*
Illi qed jigi assenjat lill-attrici nofs is-sehem tal-konvenut mill-garaxx numru tnejn [2], filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat is-sehem ta' l-attrici mill-garaxx numru hamsa [5]; b' mod li l-attrici tkun propretarja tal-garaxx numru 2 fl-intier tieghu, filwaqt li l-konvenut ikun proprjetarju tal-garaxx numru 5 fl-intier tieghu.

*Vettura*
Illi qed jigi assenjat lill-konvenut nofs is-sehem ta' l-attrici mill-vettura Skoda nru. JAS 252, b' mod li dina tigi proprjeta' tieghu fl-intier taghha.

*Rikavat [Ishma Farsons]*
Illi qed jigi assenjat lill-konvenut nofs is-sehem ta' l-attrici tas-somma ta' Lm95.30 percepita minnu.

*Mobbli*
Illi l-provi in propositu huma skarsi ghall-ahhar. Il-Qorti tordna li, wara li ssir lista tal-effetti mobbli kollha ezistenti fid-dar matrimonjali llum, dawn jigu valutati mill-istimatur Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop bi spejjez a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali, u wara, jinbighu bis-subbasta - sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor.

*Kont APS*
Illi l-bilanc ezistenti llum fil-kont tal-partijiet mal-APS Bank, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Kreditu [kera]*
Il-kreditu dovut mill-inkwilin tal-garagxx numru 5 li skond l-attrici jirrisali ghal Gunju 1999, fis-somma ta' Lm1,650 circa, jigi percepit miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

*Dejn [I]*
Illi dan id-dejn ta' Lm1,380, flimkien mal-imghax jekk dovut, ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

*Dejn [Unique Travel Limited]*
Illi mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li s-socjeta' Unique Travel Limited ghandha pretensjoni kontra tieghu fl-ammont ta' Lm19,409.90c li qeda tigi michuda minnu, u li l-kawza tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Minn naha tieghu l-konvenut jghid li huwa ghandu jiehu flus ta' commissions minghand din is-socjeta'.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-pretensjonijiet kemm ta' Unique Travel Limited, kif ukoll ta' l-istess konvenut, ghadhom quddiem il-qrati u ma gewx definiti, u tenut kont tal-fatt li l-attrici hija kompletament estraneja ghal dawn il-vertenzi, il-Qorti qed tassenja lill-konvenut kull sehem li l-attrici jista' jkollha kemm fid-debitu pretiz mill-imsemmija socjeta', kif ukoll fil-kreditu pretiz

Konsiderazzjonijiet ulterjuri
Illi, rigward il-pretensjoni tal-konvenut dwar il-kamra tas-sodda, li hi fis-sens li dina hija proprjeta' parafernali tieghu stante li kienet giet moghtija lilu b' rigal minghand ommu, l-attrici[25] ssostni li dina giet moghtija lilhom it-tnejn b' rigal sabiex huma jkunu jistghu jizzewwgu, hekk kif ohta kienet irregalatilhom il-kamra tal-banju kompluta.

In propositu, din il-Qorti, in difett ta' provi li juru l-kuntrarju, hija tal-fehma li t-tesi attrici hija aktar verosimili u accettabbli minn dik tal-konvenut; u ghalhekk il-Qorti ser tqis dan l-effett mobbli bhala proprjeta' komuni tal-partijiet.

Illi, rigward il-pretensjoni tal-konvenut dwar oggetti tad-deheb appartenenti lilu u li skond hu ghadhom fil-pussess ta' l-attrici, l-attrici tghid li "rigali tad-deheb li kienu tawh

[25] Depos. 23 ta' Settembru 2004 - Fol.451

hutu stess kien hadhom ir-ragel u qeghdin ghandu, mentri dak id-deheb illi kienu tawni huti, dak qieghed ghandi."[26]

In propositu, tenut kont il-kuntrast fil-provi, u fin-nuqqas ta' provi ulterjuri li jsahhu t-tesi tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma ppruvax sodisfacentement l-allegazzjoni tieghu.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li huma kellhom tlett kontijiet bankarji mal-HSBC, tlieta ohra mal-BOV u tnejn mal-Lombard, u f' dawn il-kontijiet kien hemm circa Lm7,000, li skond hu gew mehuda mill-attrici. Minn naha taghha l-attrici ma ssemi xejn fid-deposizzjonjiet taghha, u lanqas giet kontro ezaminata in propositu. Il-Qorti tirrileva li, ghalkemm mix-xhieda tar-reprezentanti tal-banek, jirrizulta li l-partijiet kellhom f' isimhom diversi kontijiet, izda ngibdu diversi somom ta' flus fil-mori tal-kawza, anke mill-istess konvenut, u wkoll ingibdu xi flejjes biex jithallsu xi djun[27].

In propositu l-provi dwar min gibed il-flejjes huma skarni, u ghalhekk, tenut kont tal-fatt li anke l-istess konvenut kien gibed flus minn dawn il-kontijiet[28], il-Qorti ma thossx li hemm prova sodisfacenti li l-flus ingibdu biss mill-attrici. Tosserva li fil-probabbilita' iz-zewg partijiet gibdu flus fil-mori tal-proceduri, u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li kull parti zzomm il-flejjes li gibdet minn dawn il-kontijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut;

[2] tilqa' it-tieni talba, u tordna li jsir dak fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";

[3] tilqa' t-tielet talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni kif fuq

[26] Ibid.
[27] Depos.konvenut 12 ta' Lulju 2006 – fol.546
[28] Depos. Lombard Bank 15 ta' Gunju 2004 – fol.403; doks.JS1-JS3 fols.213 - 215

stabbilit u ordnat that is-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-akkwisti”;

[4] tilqa’ ir-raba talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48[1] tal-Kap.16;

[5] tilqa’ l-hames talba, u tafda l-kura u kustodja tal-minuri G f’ idejn l-attrici; bid-dritt ta’ access favur il-missier bil-modalita’ miftehma bejn il-missier u l-minuri, stante li l-minuri llum ghandu 17-il sena, u tenut kont tal-fatt li l-konvenut jghix l-Ingilterra; tordna wkoll li l-konvenut jhallas lill-attrici manteniment ghall-minuri kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”;

[6] tilqa’ s-sitt talba limitatament, fit-termini ta’ dak fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Dar Matrimonjali”;

[7] tichad is-seba’ talba, tenut kont ta’ l-eta’ tal-minuri li fil-11 ta’ Frar 2009 jaghlaq it-18-il sena.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------